TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru.78

Kaz Nru.99

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
is-Sinjorina Carmen Mercieca
u
Euro Skin Co. Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data: 12 ta' Dicembru, 1980

Chairman: C.J. Mallia.

Dan il-kaz gie riferit lil dan it-Tribunal, skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28(2) ta' l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali, b'ittra datata 27 ta' Lulju, 1980, mill-Ministru tax-Xoghol, Kultura u Ghajnuna Socjali. Il-kwistjoni hija dwar tkeccija ta' Miss Carmen Mercieca mill-impieg li kellha ta' Machinist mad-ditta Euro Skin Co. Ltd., tkeccija li Miss Mercieca tghid li kienet ingusta.

2. Il-partijiet. Is-Sinjorina Carmen Mercieca pprezentat hija stess il-kaz taghha, fil-waqt li ghal l-Euro Skin Co. Ltd. deher is-Sur George Zammit, Managing Director, debitament awtorizzat mill-Kumpanija.

3. Seduti u xhieda. Biex jinstemgha il-kaz, inzammu erba' seduti, li fihom instemghu wkoll dawn ix-xhieda:

Imsejjhin mill-applikant, Miss Mercieca

Is-Sur Alfred Mercieca Face, hu Miss Mercieca u rkoll impjegat ta' l-Euro Skin Co.
Miss Carmen Briffa, Machinist mal-Euro Skin Co.
Miss Anna Agius, Machinist mal-Euro Skin Co.

/2. .....

Mrs. Jane Mercieca, omm l-applikant.

Is-Sur Joseph Attard, Kap ta' l-Industrial Relations Seotion fid-Dipartiment tax-Xoghol u Emigrazzjoni.

Imsejjhin mid-ditta Euro Skin Co. Ltd.

Is-Sur Arthur Miceli, Ufficjal fid-Dipartiment tax-Xoghol u Emigrazzjoni.

Is-Sur George Abela, Matcher mal-Euro Skin Co.

Miss Greta Despott, Segretarja mal-Euro Skin Co.

Miss Gemma Busuttil, Supervisor mal-Euro Skin Co.

4. Statements of Case fil-qosor.

L-applikant, Miss Carmen Mercieca, tghid hi stess li t-tkeccija taghha saret ghax falliet gurnata xoghol. Permess ma tghidx li kellha, imma tghid li baghtet tavza ma huha, li jahdem ma' l-istess ditta, imma dan qal li ma jafx ghalfejn sejjhitlu.

Id-ditta, Euro Skin Co. Ltd., permezz tas-Sur George Zammit, tghid li Miss Mercieca tkecciet ghax falliet gurnata xoghol bla permess u bla avviz. Tghid ukoll il-kumpanija li l-Enforcement Section tal-Labour Office, permezz tas-Sur Arthur Miceli, qalilha bit-telefon li f'kaz hekk hi tista tkecci minnufieh, bla avviz, u bla kumpens. Qal ukoll is-Sur Zammit li meta hu mar il-Labour Office l-istess Sur Miceli ikkonfermalhu darbtejn li hu kellhu d-dritt legali li jkecci lil Miss Mercieca minnufieh, bla avviz, u bla kumpens, talli naqset bla permess u bla raguni gusta.

5. Fatturi konnessi. Miss Mercieca toqghod quddiem il-fabbrika fejn kienet tahdem (across the road) u ghandha telefon id-dar. Barra minn hekk, gie muri bix-xhieda tas-Sur George Abela li dak inhar li falliet Miss Mercieca marret bis-serqa l-fabbrika, xehtetlhu cavetta biex jaghtiha l-huha, u ghamlitlhu sinjali ta' silenzju b'subghajha fuq halqa. Fl-istqarrija finali taghha, Miss Mercieca ebda hin ma cahdet car u tond li hi marret il-fabbrika dak il-jum li falliet. Li tistaqsi lit-Tribunal jekk hi hijiex "daqshekk injoranta li ser immur gol- fabbrika naghti c-cavetta u ma navzax lili n-nifsi", dan il-kliem la jghodd bhala cahda li fil-fatt marret gol-fabbrika

u wisq anqas bhala prova. Nosservaw li la fuq dan u anqas fuq xejn izjed Miss Mercieca ma offrietx ix-xhieda taghha bil-gurament. Ix-xhieda ta' Mrs. Jane Mercieca timplika ammissjoni li s-Sur Alfred Mercieca Pace setgha ma semghax ghalfejn sejjhitlhu ohtu.

6. Dwar dati ezatti.

Fl-istqarrija finali taghha Miss Mercieca ghamlet emfasi li l-25 ta' Mejju, 1980, meta id-ditta kienet qalet li hi falliet, kienet il-Hadd. Dan huwa veru, izda t-Tribunal ma jaghtix importanza ghal zball simili li ma jbiddilx is-sustanza tal-fatti.

7. Fatti stabbiliti. Mela, skond dak li hareg mix-xhieda, mid-dokumenti esibiti, u mit-trattazzjoni tal-kaz, it-Tribunal huwa soddisfatt minn dawn il-fatti li gejjin:

(1) Miss Mercieca falliet gurnata wahda bla permess, bla avviz, u bla raguni gusta.

(2) Hija toqghod quddiem il-fabbrika, u dak inhar li falliet marret hemm bis-serqa u halliet cavetta.

(3) Hija kellha nuqqasijiet ohra ma' din l-istess ditta, u fuq dawn kienet giet imwissija (ara x-xhieda tas-Sur Alfred Mercieca Pace u ta' Miss Gemma Busuttil).

(4) Il-Management kien wissa lil Miss Mercieca li jekk taghmel nuqqas iehor titkecca (dan gie korroborat mix-xhieda tas-Sur Alfred Mercieca Pace).

(5) Ghal dik il-gurnata li falliet Miss Mercieca ma offriet ebda raguni gustifikanti.

8. Twissijiet. Is-Sur George Zammit, fl-istqarrija finali tieghu, esprima l-opinjoni personali tieghu dwar twissijiet bil-miktub. Fil-waqt li din l-opinjoni mhiex nieqsa mis-sens u l-

valur fl-ambitu ta' management xieraq, it-Tribunal irid itenni l-hsieb tieghu dwar twissijiet biex forsi dan iservi ta' gwida ghal employers ohra:

(a) Twissijiet (aktar minn wahda) huma assolutament mehtiega qabel issir tkeccija.

(b) Meta l-qaghda tibda ssir gravi u jkun jidher li tista' twassal ghal tkeccija, ahjar li jkun hemm twissijiet bil-miktub. Anzi ahjar ukoll jekk ikunu ffirmati mill-imwissi.

(c) Meta mhux miktuba, t-twissijiet iridu jsiru quddiem persuna/i risponsabbli.Inkella ma jghoddux.

(d) Minghajr twissijiet xierqa, ebda tkeccija ma tghodd, anqas jekk ikun hemm raguni tajba u bizzejjed kif jitlob l-artikolu 25(10) ta' l-Att Nru.XI ta' l-1952.

(e) Jista' jkun hemm xi raguni tajba u bizzejjed kif jghid dak l-artikolu 25(10) ta' l-Att Nru.XI ta' l-1952 u din titlob tkeccija mmedjata bla ebda twissija. Imma fuq dan, jekk l-imkecci jigi quddiem dan it-Tribunal, irid jigi soddisfatt it-Tribunal.

9. <u>Il-parir tal-Labour Office</u>. Is-Sur George Zammit qal li hu kecca fuq il-parir nett tal-Labour Office, l-ewwel bit-telefon lis-Segretarja Miss Greta Despott u wara lilhu bil-kliem meta mar il-Labour Office. Skond ma qal is-Sur Zammit, u kif xehdet ukoll Miss Despott bil-gurament, il-parir kien li huma, wara assenza bla permess u bla avviz, setghu jkeccu lil Miss Mercieca bla avviz u bla kumpens. Miss Despott qalet li lilha s-Sur Miceli ma qalilha xejn dwar twissijiet u dwar it-Tribunal Industrijali. Is-Sur Arthur Miceli, Labour Officer, xehed li hu ma qalx hekk, imma li semma twissijiet u t-Tribunal. Fortunatament, minhabba dak

li ntqal fil-paragrafu 7 hawn fuq, dan il-"clash of evidence" ma ghandux importanza f'dan il-kaz. Izda kieku kellhu r-regoli li issa regghu ntqalu fil-paragrafu 8 hawn fuq kienu jghoddu xorta wahda, u kieku d-ditta riedet soddisfazzjon fuq il-parir li tghid li tawha kien ikollha tfittex lil min tghid li taha l-parir civilment quddiem tribunal iehor.

10. AWARD. Ghalhekk, fid-dawl tal-konkluzjonijiet li ntqalu fil-paragrafu 7 hawn fuq, fil-waqt li hi vera hasra (kif tammetti d-ditta stess) li mpjegata, li taf tahdem hekk tajjeb meta trid, tigi mitlufa, it-Tribunal ma jsibx li t-tkeccija ta' Miss Carmen Mercieca minn mal-Euro Skin Co. Ltd. kienet ingusta, u b'hekk jaghlaq din il-kwistjoni tax-xoghol.

C.J. Mallia
Chairman.

A. Bartolo Parnis
Segretarju.

12 ta' Dicembru, 1980

mab